

# RAPPORT **ANNWALI** 2011

AWTORITÀ TAD-DJAR • HOUSING AUTHORITY

www.housingauthority.com.mt

Awtorità tad-Djar
Rapport tas-Sena 2011

Malta:
22 Triq Pietro Floriani
Il-Furjana FRN 1060

Tel: 2299 1000
Fax: 2124 3284
Email: customer.care@ha.gov.mt

Għawdex:
25 Triq Enriku Mizzi
Ir-Rabat, Għawdex VCT 2043

Tel: 2215 6800
Fax: 2215 6800

*Free phone:* 8007 2232

© Awtorità tad-Djar

Dan il-ktieb ma jistax isir fih ebda tibdil fil-forma
jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr
il-permess bil-miktub tal-Awtorità tad-Djar.

Pubblikazzjoni: Awtorità tad-Djar

# WERREJ


Rapport taċ-Chairman ........ 5

Bord tad-Diretturi ........ 7

Introduzzjoni ........ 9

Akkomodazzjoni Soċjali ........ 15

Dipartiment tal-Proprjetà ........ 21

Sezzjoni Notarili ........ 29

Riċerka u Relazzjonijiet Ewropej ........ 31

Relazzjonijiet Pubbliċi ........ 35

Riżorsi Umani ........ 41

Funzjoni tal-Awditur Intern ........ 45

*Report and Financial Statements* ........ 47



# Il-Missjoni Tagħna: Djar Xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna

# RAPPORT **TAĊ-CHAIRMAN**

Bi pjaċir nippreżenta l-ewwel rapport annwali tiegħi. Dan ir-rapport jippreżenta l-attivitajiet u r-riżultati tal-Awtorità tad-Djar għal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2011 u juri l-mod ta' kif l-Awtorità kompliet tilgħab rwol kruċjali fl-istorja tal-akkomodazzjoni f'pajjiżna.



**Saviour Gauci**
Ph.D., M.A., ACIS, ACIM, C.P.A.

CHAIRMAN

Dan ir-rapport juri wkoll l-mod ta' kif l-Awtorità baqgħet tikkommetti ruħha biex tipprovdi soluzzjonijiet u servizzi li jistgħu jitwettqu fir-realtà f'manjiera responsabbli u sostenibbli. L-għan ewlieni tal-Bord hu li tiġi stabbilita direzzjoni ta' strateġija għall-Awtorità li ssegwi l-politika tal-Gvern u li tissorvelja l-operazzjonijiet finanzjarji tal-Awtorità. Bħala *Chairman* ninsab sodisfatt bil-kisbiet li seħħew u li qegħdin spjegati fil-paġni li ġejjin. Il-Bord, però, jirrikonoxxi li fadal ħafna x'isir.

L-aċċess għal akkomodazzjoni soċjali li tkun adatta u li tista' tintlaħaq finanzjarjament huwa essenzjali għal-ġid ta' kulħadd f'Malta. Bil-ħtieġa għall-provvediment ta' akkomodazzjoni adegwata għaċ-ċittadini Maltin, il-Bord tad-Diretturi għandu d-dmir li jkompli joħloq opportunitajiet ġodda ta' akkomodazzjoni soċjali madwar Malta u Għawdex u biex jingħelbu l-isfidi kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Waqt li naċċettaw li r-riċessjoni ekonomika fl-Ewropa u madwar id-dinja kollha tqajjem sfidi importanti għal-finanzji tal-Gvern u anke għall-allokazzjoni tar-riżorsi għall-Awtorità, madankollu il-ħidma għal livell għola ta' akkomodazzjoni għandha dejjem titkompla. Dan ir-rapport annwali jirrifletti l-impenn li turi l-Awtorità biex tieħu sehem fil-ħolqien ta' proġetti li jkunu sostenibbli u li jtejbu l-kwantità ta' akkomodazzjoni soċjali li wieħed ikun jiflaħ iħallas.

Matul is-sena 2012, l-Awtorità ser tiffoka aktar fuq li tirrispondi għal-bżonnijiet ta' akkomodazzjoni madwar il-gżejjer Maltin. Irridu nenfasizzaw aktar fuq l-użu ta' proprjetajiet privati li mhumiex abitati permezz ta' skemi ġodda bħall-kiri mis-settur privat biex jerġa' jsir kiri għan-nies li jkollhom bżonn ta' akkomodazzjoni soċjali. Fl-attivitajiet kollha il-Bord ser jiggarantixxi metodi u prattiċi effettivi, kif ukoll it-trasparenza u r-responsabbiltà fil-programmi mħejjija mill-Awtorità.

Nixtieq nirringrazzja lill-istaff kollu u lill-maniġment tal-Awtorità tad-Djar għad-dedikazzjoni tagħhom fis-servizzi li jiġu provduti sabiex tingħata akkomodazzjoni xierqa u sigura lil ħafna familji Maltin u Għawdxin. Grazzi wkoll lill-predeċessur tiegħi s-Sur Charles Borg għall-isforzi, d-dedikazzjoni u s-sens ta' tmexxija li wera' matul il-kariga tiegħu bħala *Chairman* tal-Awtorità.



**Saviour Gauci**

# IL-BORD **TAD-DIRETTURI**

## CHAIRMAN



Dr Paul Saviour Gauci
Phd. M.A. CPA

## DEPUTY CHAIRMAN



Dr George Grech
M.R.C.S., L.R.C.P.

## MEMBERI TAL-BORD



Ms Tanya Borg Cardona



Perit Lorraine Cassar
B.E.& A.(Hons),A.&C.E



Ing. Mark Galea
B.Eng (Hons)



Dr Not. Maria Grima
Not.Dr.L.L.D.



Dr Daniela Mangion
B.A. L.L.D.Adv.Dip.Ecc.Melit



Dr Ray Zammit
L.L.D., ADV. TRIB. ECCL. Melit



L-Awtorità tad-Djar mhix sempliċiment aġenzija li tqassam id-djar. L-għan ewlieni tagħha huwa aktar profond u jmur l'hinn minn dan. L-Awtorità tad-Djar tipparteċipa fis-solidarjetà tal-Istat, fid-dmir u fl-impenn soċjali tiegħu li jkun preżenti ma' dawk il-persuni li soċjalment baqgħu lura għal raġuni jew oħra

# INTRODUZZJONI

Fl-ewwel rapport annwali tiegħi bħala Kap Eżekuttiv kont saqsejt żewġ mistoqsijiet: *"Fejn qegħdin? Fejn sejrin?"* L-għan ta' dawn iż-żewġ mistoqsijiet kienu biex l-Awtorità ikollha pjan ta' ħidma u direzzjoni fejn tixtieq tmur fil-ħidma tagħha. Filfatt, l-Awtorità poġġiet 22 għan bħala pjan ta' ħidma. F'dan it-tieni rapport tiegħi nixtieq insaqsi mistoqsija oħra: *"Fejn wasalna?"*.



**Dott Albert Buttigieg**

Bac.Sc., Ed., Lic.Sc., Ed.(Rome)

KAP EŻEKUTTIV TAL-AWTORITÀ TAD-DJAR

Huwa b'sodisfazzjon kbir li nistqarr li matul din is-sena, l-Awtorità ħadmet bis-sħiħ fuq dawn il-għanjiet. Filfatt, nista' ngħid li l-maġġoranza tagħhom saru matul din is-sena, filwaqt li oħrajn qegħdin fil-proċess li jiġu rrealizzati. B'hekk inkunu nistgħu naraw il-frott tagħhom matul is-sena 2012.

Għalkemm f'dan ir-rapport wieħed għandu jsib it-tagħrif kollu fid-dettal fuq dawn it-22 għan, nixtieq nsemmi xi punti ewlenin li jiġbru fil-qosor ix-xogħol li sar matul din is-sena.

### Insaħħu l-komunità: Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern

Bl-għajnuna sħiħa tal-Kunsilli Lokali li fi ħdanhom hemm il-binjiet tal-Gvern, l-Awtorità tad-Djar wetqet diversi proġetti ta' tisbiħ madwar l-oqsma ta' dawn il-binjiet. L-għan ta' din l-iskema kien u għadu li nsaħħu l-komunitajiet li jgħixu f'dawn l-oqsma tad-djar tal-Gvern. Barra li kull kunsill li kien magħżul ġie mogħti somma ta' flus mhux aktar minn € 75,000 għal dan il-għan, ġew organizzati wkoll diversi proġetti u inizjattivi edukattivi għar-residenti. L-għan aħħari huwa li mhux biss nagħtu dehra aħjar lill-ambjent tal-madwar imma anke nsaħħu l-kwalità tal- ħajja tar-residenti.

### Pjan ta' mantuenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern

B'din l-iskema, mifruxa fuq medda ta' diversi snin u bl-għajnuna sħiħa tal-Kunsilli Lokali, kellna diversi komuni ta' binjiet li bbenefikaw mill-fondi allokati. Qabel ma saret din il-mantuenzjoni, l-Awtorità flimkien mal-Kunsilli, iltaqgħu mar-residenti li ġew mistiedna għal laqgħa ta' informazzjoni u djalogu. Nemmen li din kienet esperjenza pożittiva ħafna għall-Awtorità għaliex semgħet is-suġġerimenti, il-kritika jew ilmenti ta' dawn ir-residenti. Matul din il-laqgħa r-residenti ġew mitluba jagħtu lista ta' dak kollu li jaħsbu li għandu bżonn ta' attenzjoni partikolari.  Barra minn hekk, ir-residenti ġew imħeġġa biex titwaqqaf għaqda tar-residenti u jkun magħżul amministrattur minn fosthom għal kull binja.

L-irwol tal-amministrattur huwa li jkun mhux biss punt ta' referenza bejn ir-residenti u l-Awtorità, imma anke biex jara li kollox miexi sew. Din ġabet bidla fil-mentalità u fil-kultura tar-residenti biex ikunu aktar attivi u responsabbli fit-tmexxija u ż-żamma tal-komun. Filfatt, hemm numru inkorraġġanti ta' amministraturi li qegħdin anke jingħataw inizjattiva finanzjarja biex jgħaqdu aħjar din il-ħidma. Għalkemm din l-iskema ta' manutenzjoni u ta' ħatra tal-għaqda tar-residenti kienet suċċess, hemm ukoll lok għal titjib. Dan qiegħed ngħidu b'mod partikolari fejn hemm nuqqas ta' qbil bejn ir-residenti jew fejn tinqala' xi diffikultà minħabba ċertu nkwilini li xi drabi jkunu ftit diffiċli minħabba l-istrutturi llegali. Napprezza jekk naħdmu flimkien biex din l-inizjattiva nkomplu nibnu fuqha. Naħseb li kulħadd jaqbel li mentalità u kultura tieħu ż-żmien biex tinbidel. F'dan ir-rigward l-Awtorità ħadmet ukoll fuq kampanja edukattiva fost ir-residenti bit-tema; '*Il-Binja tiegħi, id-Dar tiegħi*' fejn tqassmu anke xi materjali edukattivi fuq dan l-għan.

### Reviżjoni u evalwazzjoni tal-iskemi

Matul din is-sena l-Awtorità bdiet proċess ta' reviżjoni fuq l-iskemi kollha bl-għan li dawn ikunu aktar inklussivi għall-ħtiġijiet u d-diffikultajiet tal-applikanti tagħna b'attenzjoni speċjali għal dawk l-aktar vulnerabbli. Hemm il-ħsieb ukoll li nintroduċu skemi ġodda, fosthom '*Nirranġa d-dar tiegħi*': skema ġdida li tgħin lill-anzjani tagħna jibqgħu fil-komunità. Il-proċess ta' tiġdid ta' dawn l-iskemi kien mibni fuq konsultazzjoni ma' dawk kollha involuti f'dan il-qasam. Huwa maħsub li għal bidu tas-sena 2012, dawn l-iskemi jkunu mħabbra waqt kampanja edukattiva bit-tema '*Aktar minn saqaf fuq rasek*'.

### Skema *Kiri*

Matul din is-sena l-Awtorità ħarġet skema ġdida biex tistieden lis-sidien ta' appartamenti privati biex dawn jikru il-fondi tagħhom għal 10 snin sħaħ biex b'hekk ikunu eleġibbli biss għal 5% taxxa fuq id-dħul mill-kirja. Minn naħa tagħha, l-Awtorità tikri dawn il-fondi lil persuni li jeħtieġu dan is-servizz. L-għan tal-Awtorità huwa li b'din l-iskema *Kiri*, tikri medja ta' bejn 300 u 400 apartament. Huwa maħsub biex għan-nofs tas-sena 2012, ikun hemm kampanja informattiva u tinħareġ din is-sejħa.

### *Waiting list* u *Customer Care*

Matul din is-sena tkompla l-proċess biex l-Awtorità tkun tista' tifhem aħjar il-bżonnijiet varji ta' dawn il-persuni billi ħolqot lista ta' prijoritajiet li jirrispondu aħjar għall-bżonnijiet tal-applikanti. Matul din is-sena, bi sforz ġenwin biex l-Awtorità tieħu azzjoni aħjar fuq dawn il-bżonnijiet, saru diversi laqgħat '*one to one*' ma' dawn il-persuni. Dawn il-laqgħat kienu u għadhom importanti għaliex jagħtu stampa aktar ċara u sħiħa lill-applikant. Fid-dawl ta' dawn il-laqgħat, l-Awtorità baghtet ukoll *social worker* fid-djar tagħhom biex jagħmel rapport ta' rakkomandazzjoni. Huwa maħsub li għas-snin li ġejjin, l-Awtorità tkun qiegħda tagħmel proposta biex ikun hemm *care plan* għal kull applikant minħabba li l-applikanti tal-Awtorità huma wkoll applikanti għal servizzi soċjali oħra. Għaldaqstant, biex ikun hemm pjan aktar olisitiku, l-Awtorità taħdem fil-qrib ma' entitajiet u aġenziji soċjali oħra.

Matul din is-sena dawk l-inkwilini li waqgħu lura bil-kera tagħhom, kellhom laqgħa mal-Awtorità biex ikun hemm pjan mifrux fuq medda ta' xhur biex jitħallas dak li huwa dovut lilhom bil-mod il-mod. L-Awtorità, kif indikat f'rapport preċedenti, ħadmet biex tiġbor ir-renta billi tfakkar li mhux soċjalment ġust li nkwilin iħallas waqt li nkwilin ieħor ma jħallasx.

Tajjeb li nsemmi wkoll li l-Awtorità kompliet tagħti diversi taħriġ lill-ħaddiema tagħna biex ikunu aktar '*customer friendly*' fil-ħidma tagħhom. Ġie offrut ukoll appoġġ meħtieġ lil dawn il-ħaddiema permezz ta' servizz psikoloġiku ħalli ma jkunx hemm '*burn out issues*'.

## Laqgħat ta' preparazzjoni

Wieħed mill-għan imsemmi kien li meta l-Awtorità tagħti post bil-kiri, l-inkwilin il-ġdid ikun irid jattendi sensiela ta' laqgħat edukattivi. Filfatt, matul din is-sena kull min jingħata post bil-kiri jkun mistieden biex jattendi għal dawn il-laqgħat. It-temi ta' dawn il-laqgħat huma mibnija fuq r-responsabbiltajiet il-ġodda ta' kull inkwilin, l-immaniġjar aħjar tal-flus, il-ħtieġa li jintegraw fil-lokalità, u s-sens ta' rispett lejn inkwilini oħra. Tajjeb li nsemmi li fil-bidu, dawn il-kirjiet qed isiru għal perjodu ta' sena u wara sena jkunu mġedda għal perjodu ta' ħames snin. Dan qed isir biex ikun hemm aktar kontrol. Matul is-sena li ġejja ser ikun hemm ukoll *follow-ups* minn *community worker* biex naraw li dawn l-inkwilini ntegraw tajjeb fil-binja.

## Appartamenti vojta

Minħabba li l-Awtorità identifikat diversi positijiet li huma vojta minħabba l-fatt li ħafna drabi dawn l-inkwilini huma residenti anzjani li joqgħodu fid-djar tal-anzjani tal-Gvern, l-Awtorità, fuq bazi ta' dak li tgħid l-istess liġi tal-kera, għamlet ċertu rakkomandazzjonijiet. L-għan aħħari huwa biex dawn l-appartamenti ma jibqgħux vojta. Matul din is-sena wkoll l-Awtorità kompliet ssaħħaħ l-ispettorat tagħha billi kompliet iżżur b'mod regolari u b'mod sistematiku kull binja biex tara min qiegħed jgħix f'kull appartament.

## Minn konvenji għall-kuntratt finali

Matul din is-sena l-Awtorità kompliet taħdem bi sħiħ ma' entitatjiet oħra biex jitkompla proċess fejn persuni li, għal diversi snin, kellhom id-dar tagħhom fuq konvenju, jkunu jistgħu jagħmlu l-kuntratt finali. Kienu diversi familji li wara ħafna snin, finalment saru sidien tad-dar tagħhom.

## Skema '*Ninvesti fid-dar tiegħi*', irfinar ta' appartmenti u garaxxijiet u skema ta' bejgħ.

Matul din is-sena l-Awtorità, flimkien mad-Dipartiment tal-Propjetà tal-Gvern, ħarġet skema '*Ninvesti fid-dar tiegħi*.' Din l-iskema hija dwar propjetà, hekk imsemmija *'possession and use'* : propjetà li l-Gvern ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kien ħa u fuqha kien bena diversi bini soċjali. Wara li l-Gvern tal-ġurnata xtara din l-art mill-werrieta tas-sidien bir-rati kummerċjali tal-ġurnata, il-Gvern, permezz tal-Awtorità, stieden lir-residenti biex jekk iridu, setgħu jixtru l-appartament tagħhom b'rata ssussidjata. Saru diversi laqgħat ta' informazzjoni għal dawk interessati. Fis-sena li ġejja huwa mistenni li jsiru diversi kuntratti finali ta' bejgħ.

Matul is-sena li ġejja hija l-intenzjoni tal-Awtorità li tifrex din l-opportunità lil residenti oħra f'binjiet tal-Gvern biex huma wkoll isiru sidien ta' darhom. Dan qed isir għaliex il-fatti jindikaw li meta wieħed huwa sid ta' daru, ikun hemm inqas problemi soċjali u aktar sens ta' responsabbiltà.

Fl-aħħar xhur ta' din is-sena, l-Awtorità bdiet ukoll proċess biex tagħmel evalwazzjoni tal-iskema tal-bejgħ tal-propjetà tagħha għall-'*first time buyers*' bħala *affordable housing*. Huwa tajjeb li wieħed isemmi li l-irwol tal-Awtorità huwa mibni fuq s-*social housing* u l-*afforable housing*. Minn din l-evalwazzjoni, l-Awtorità setgħet tieħu stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni tal-bejgħ. Saru wkoll xi rakkomandazzjonijiet li ser jintużaw għas-sena li ġejja meta l-Awtorità toħroġ l-aħħar proprjetajiet li baqa' fuq il-kotba tagħha. L-Awtorità fis-snin li ġejjin mhiex ser tkompli tibni aktar proprjetajiet u għaldaqstant ser toħloq inizjattivi ġodda fir-rigward tal-*afforable housing*.

Matul din is-sena, l-Awtorità kompliet taħdem fuq l-irfinar ta' diversi proġetti sabiex is-sena li ġejja jkunu jistgħu jingħataw għall-kiri soċjali. Diversi proġetti, li kienu qegħdin lura minħabba ċirkostanzi varji, huma fi stadju avvanzat li jitlestew.

Rigward il-garaxxijiet, l-Awtorità ħasbet biex fejn hemm numru ta' garaxxijiet vojta taħt binjiet, tistieden lir-residenti ta' dawn il-binjiet biex jikru b'rata tajba dawn il-garaxxijiet. Kienu diversi residenti li ħadu din l-offerta u b'hekk dawn il-garaxxijiet ma baqgħux vojta b'tali mod li setgħu jintużaw b'mod abbużiv.

### Trasferiment ta' proprjetà residenzjali tal-Gvern

Miżura oħra li ser tittieħed, f'kollaborazzjoni sħiħa mad-Dipartiment tal-Artijiet, hija t-trasferiment tal-proprjetà residenzjali għand l-Awtorità. Fid-dawl li hawnhekk qed nitkellmu dwar 'il fuq minn 8,000 appartament, li jagħmlu parti mill-1,209 binjiet tal-Gvern, huwa l-ħsieb tal-Gvern li jgħaddi dawn l-appartamenti bil-mod il-mod. Dan ser isir fid-dawl tal-iskema ta' pjan ta' manutenzjoni tal-binjiet tal-Gvern.  Tajjeb li ngħid ukoll biex isir dan it-trasferiment hemm diversi xogħlijiet amministrattivi li jridu jsiru. Huwa maħsub lis-sena li ġejja jkun hemm l-ewwel ammonti ta' proprjetà li tgħaddi għand l-Awtorità.

### Għaqdiet mhux Governattivi

Fis-sena ddedikata lil Għaqdiet mhux Governattivi u l-Volontarjat, l-Awtorità tad-Djar mhux biss fakkret din is-sena b'żewġ attivitajitet partikolari: kunċert ta' mużika sagra u wirja tal-arti fejn inġabru fondi għaż-żewġ għaqdiet filantropiċi; imma għamlet ukoll aġġornament fuq il-*policy* tagħha f'dan ir-rigward. Filfatt, fl-aħħar ta' din is-sena ħarġet policy bit-tema *'Lejn ħajja semi-independenti'*. L-għan ta' din il-*policy* huwa li tagħti appoġġ lil dawk l-Għaqdiet li jaħdmu biex ikun hemm persuni li jgħixu b'mod semi-independenti fil-komunità. Fis-sena li ġejja, l-Awtorità ser tkompli ssaħħaħ din l-inizjattiva kif ukoll, ser toħroġ sejħa pubblika biex dawk l-għaqdiet mhux Governattivi li jixtieqv jibbenefikaw, jistgħu jagħmlu dan.

### Fondi mill-Unjoni Ewropea

Matul din is-sena l-Awtorità kompliet bil-programm ta' riġenerazzjoni ta' żoni hekk imsejjħa Fuq Verdala u San Nikola li jinsabu ġewwa Bormla.

Barra minn dan, l-Awtorità kompliet tagħmel xi proposti ta' studju fuq l-enerġija solari u dwar il-problema ta' mobbiltà fil-binjiet tal-Gvern. Matul is-sena li ġejja l-Awtorità ser tagħmel applikazzjonijiet b'mod uffiċjali għal dan.

### Relazzjonijiet Pubbliċi

Matul din is-sena l-Awtorità għamlet sforz kbir biex tkun aktar viċin taċ-ċittadini u jkollha relazzjoni aħjar mal-pubbliku b'mod ġenerali. Għal dan il-għan, l-Awtorità matul din is-sena aġġornat is-sit elettroniku tagħha biex tkun aktar *user friendly*. Barra minn dan, l-Awtorità ħadet sehem fuq diversi programmi tal-media; kemm dik stampata, tar-radju u anke tat-televiżjoni. Tajjeb li nsemmi li matul din is-sena l-Awtorità kellha programm regolari fuq l-istazzjon RTK u anke PBS fejn setgħet twassal is-servizzi varji tagħha lill-pubbliku b'mod ġenerali.

Barra minn dan, minħabba l-programm ta' manutenzjoni fil-komun tal-binjiet, l-Awtorità għamlet diversi laqgħat mar-residenti permezz tal-għajnuna siewja tal-Kunsilli Lokali.

### Taħriġ għall-ħaddiema u ftehim kollettiv

Matul din is-sena l-Awtorità investiet bil-kbir biex toffri taħriġ lill-ħaddiema tagħha fuq diversi suġġetti relatati mal-ħidma tal-Awtorità. Din mhux biss għamlet diversi laqgħat ta' taħriġ imma anke offriet *sponsorship* lill-ħaddiema li xtaqu jkomplu xi studji tagħhom. Ta' min isemmi wkoll li barra li l-ħaddiema ġew offruti taħriġ lokali, xi oħra ġew offruti wkoll taħriġ barra minn Malta. Esperjenzi barra minn pajjizna huma dejjem esperjenzi ta' għajnuna kbira biex wieħed ikollu ideat ġodda u jagħmel *networking* ma' entitajiet soċjali oħra.

Matul din is-sena l-Awtorità għamlet sensiela ta' laqgħat mal-*Union* u l-UĦM dwar il-ftehim kollettiv bil-għan li nagħlqu dan il-ftehim.

Matul din is-sena saru wkoll xi tibdil fl-istrutturi nterni tal-Awtorità biex irrispondew aħjar għall bżonnijiet tal-operat u f'inqas żmien.

### Inizjattivi oħra

Matul din is-sena l-Awtorità ħadmet fuq diversi għanijiet oħra msemmija fl-ewwel rapport. Hija l-intenzjoni tal-Awtorità li matul is-sena li ġejja tkun tista' taħdem fuq dawn l-inizjattivi u oħrajn ġodda. Prinċipalment dawn huma:

- Il-problema tal-mobbiltà fl-oqsma tal-binjiet tal-Gvern;
- Inizjattivi fuq miżuri ta' enerġija solari fil-binjiet tal-Gvern;
- Possibbiltajiet li l-Awtorità ikollha uffiċini ġodda/ arkivju ġdid;
- Sistema ġdida ta' *Document Management System*;
- Riċerka fuq il-profil soċjali tal-binjiet tal-Gvern b'għan li l-Awtorità tista' tifhem aħjar il-bżonnijiet tar-residenti;
- Rakkomadazzjoni fuq appartamenti vojta;
- Rakkomadazzjoni ta' riviżjoni tal-kera;
- Skemi ġodda rigward il-manutenzjoni tal-binjiet;
- Skemi ta' għajnuna għal setturi varji fis-soċjeta, fosthom *first time buyers*
- Twaqqif ta' 'Think Tank' fejn tistieden lil dawk li jaħdmu fil-qasam soċjali, ekonomiku u fil-qasam tad-djar biex jgħarblu ideat ġodda u jħejju skemi ġodda.
- Jittieħdu deċiżjonijiet fuq il-possibbiltà li l-Awtorità tidħol fi sħab mas-settur privat fuq proġetti differenti;
- Insaħħu l-inizjattivi ta għixien semi-indipendenti fil-komunitajiet.

Hawnhekk ma nistax ma nurix l-apprezzament tiegħi personalment lill-ex *Chairman* is-Sur Charles Borg, liċ-*Chairman* attwali Dr. Saviour Gauci, lit-tim maniġerjali u lill-ħaddiema kollha għall-ħidma tagħhom f'din l-Awtorità.
Nemmen li kull ħaddiem qed jagħti l-kontribut kollu tiegħu biex ikun ta' servizz anke meta xi persuni li jeħtieġu s-servizzi tal-Awtorità jkunu kemmxejn diffiċili magħhom. Id-dedikazzjoni u l-impenn tagħhom huwa parti integrali mis-suċċess ta' din l-Awtorità.

Bħala konklużjoni nista' ngħid li l-Awtorità tixtieq twettaq ħafna inizjattivi imma dan mhux dejjem huwa possibbli. Dak li tista' tagħmel l-Awtorità qegħda tagħmlu bl-entużjażmu kollu biex tibni soċjetà aktar ġusta u umana.

# AKKOMODAZZJONI **SOĊJALI**

## Sal-aħħar tas-sena 2010

In-numru ta' applikazzjonijiet li l-Awtorità tad-Djar irċiviet sa Diċembru 2010 kien ta' 1,049. Fis-sena 2010 n-numru ta' persuni jgħixu f'post adekwat ma' oħrajn li għamlu t-talba tagħhom għall-bdil imma dan il-bdil tal-post għadu ma seħħx, kien ta' 288.

## Allokazzjonijiet Soċjali

Minħabba li matul is-sena 2011 l-Awtorità tad-Djar għamlet eżerċizzju biex tgħaraf u tifhem aħjar il-bżonnijiet tal-klijenti, minn total ta' 1,185 applikazzjoni, hemm 589 ta' prijorità maqsumin skont dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| 1.3 *Substandard* | 39 |
| 1.3.1 Nuqqas ta' Faċilitajiet Sanitarji | 15 |
| 1.3.2 *Overcrowding* | 55 |
| 2.3 Każijiet Soċjali – Riferuti minn Aġenziji | 72 |
| 2.4 Każijiet Soċjali – Vjolenza Domestika | 16 |
| 3.2 *Homeless*[1] – Istituzzjoni | 25 |
| 3.4 *Homeless* – Tkeċċija | 45 |
| 3.6 *Homeless* - Persuni għar-Riabilitazzjoni | 2 |
| 4.1 Diżabilità | 30 |
| 4.2 Diżabilità – Mobbiltà | 94 |
| 6.1 Refuġjati | 12 |
| 7.1 *Sharing Accommodation* | 184 |
| **Total** | **589** |

Matul 2011 l-Awtorità tad-Djar ġabret lista ta' talbiet għall-bdil ta' proprjetà tal-Gvern. Dawn jinkludu:

| | |
|---|---|
| Bdil minħabba raġunijiet ta' saħħa | 33 |
| Bdil minħabba li l-proprjetà tkun żgħira wisq | 16 |
| Bdil minħabba li l-proprjetà tkun kbira wisq | 14 |
| Bdil minħabba mobbiltà (taraġ) | 88 |
| Bdil għal raġunijiet oħrajn | 144 |
| **Total** | **295** |

Matul 2011 l-Awtorità tad-Djar allokat postijiet tal-Gvern bil-kera skont dawn ir-raġunijiet:

| | |
|---|---|
| Proprjetà li ġiet mogħtija lill-applikanti fil-*waiting list* | 96 |
| Bdil ta' proprjetà | 8 |
| Ġew rikonoxxuti bħala inkwilini legali | 70 |
| **Total** | **174** |

Tajjeb li ngħidu li l-Awtorità tad-Djar matul din is-sena bdiet tagħmel laqgħat edukattivi mal-inkwilini ġodda biex tgħinhom jifhmu aħjar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom biex jintegraw aħjar fil-komunità ta' fejn ser jgħixu. Dawn huma tliet laqgħat immexxijin minn *social worker*, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar u uffiċjali oħra tal-Awtorità .

## Talba ta' Rikonoxximent

It-total ta' każijiet li ġew diskussi waqt il-Bord kien ta' 110.

1 Hemm differenza bejn '*Homeless*' u '*Roofless*'. Filwaqt li '*roofless*' huma persuni li jgħixu fit-triq, '*homeless*' huma persuni li għandhom ċertu vulnerabiltà ta' akkomodazzjoni.

### Żgumbramenti

Fis-sena 2011 l-Awtorità tad-Djar talbet 7 proprjetajiet biex jingħataw lura lill-Awtorità minħabba użu ħażin tagħhom u ksur tal-kuntratt.

### *Social Worker*

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar talbet lis-*social worker* tagħmel 36 żjara biex tifhem aħjar is-sitwazzjoni u d-diffikultajiet tal-applikanti tal-istess Awtorità .

### Spezzjonijiet

l-Awtorità tad-Djar żaret u spezzjonat il-komuni ta' 248 blokka tal-Gvern. Ir-raġunijiet kienu minħabba:

- Manutenzjoni u rranġar tal-komun (l-ispezzjonijiet ta' rutina)
- Annimali domestiċi
- Oġġetti miżmuma fil-komun
- Strutturi illegali b'mod partikolari fuq is-soqfa
- Xogħlijiet ta' adattament f'postijiet ġodda għall-kiri mill-Gvern

Is-somma ta' xogħolijiet li saru f'postijiet qodma tal-Gvern kien €383,345. Dawn il-postijiet ġew mogħtija lura mill-ġdid.

### Tfassil ta' pjanti

Kull applikazzjoni għandha bżonn tkun akkumpanjata mid-disinn tal-pjanta tal-post fejn l-applikanti jgħixu. Iridu jiġu wkoll imfassla l-pjanti tal-postijiet il-vojta. Matul is-sena 2011 saru 184 spezzjonijiet biex jinħarġu applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoni alternattiva.

### L-ispettorat

l-Awtorità tagħmel żewġ tipi ta' spezzjonijiet biex tiġi ivverifikata l-okkupazzjoni tal-kerrejja u jitħejjew rapporti fuq kull proprjetà.
Spettorat b'mod skjedat sistematiku – li jfisser li uffiċċjal tal-Awtorità idur binja binja u jħejji rapporti ta' investigazzjoni li jinkludu proprjetajiet perikolużi, u okkupazzjoni illegali.
Spettorat fuq investigazzjoni – dan ifisser li l-ispezzjoni ssir fuq talbiet li jsiru lill-Awtorità .

| Data | Spettorat skjedat b'mod sistematiku | Spettorat fuq investigazzjoni |
|---|---|---|
| Jannar | 314 | 61 |
| Frar | 471 | 112 |
| Marzu | 782 | 90 |
| April | 306 | 132 |
| Mejju | 376 | 87 |
| Ġunju | 318 | 96 |
| Lulju | 93 | 106 |
| Awwissu | 257 | 107 |
| Settembru | 442 | 60 |
| Ottubru | 529 | 91 |
| Novembru | 355 | 102 |
| Diċembru | 131 | 23 |
| **Total** | **4374** | **1067** |

### Rekwiżizzjonijiet

L-Awtorità tad-Djar matul din is-sena reġgħet tat lura 159 dar lis-sid li kellhom id-dar rekwiżizzjonata fil-passat. Dan sar permezz ta' proċess fejn ġew mogħtija ċertu konsiderazzjonijiet lir-residenti.

S'issa l-Awtorità baqalha 194 ordnijiet ta' rekwiżizzjoni li għadhom qed jiġu attwati u li minnhom hemm 13 li huma uffiċini pubbliċi jew każini. Hija l-intenzjoni tal-Awtorità li tkompli tnaqqas dan l-ammont biex tagħlaq dan il-kapitlu.

### Kuntratti tal-Kera

In-numru totali ta' kuntratti li ġew imħejjija kien ta' 102.

### Wiri tal-Postijiet

It-total ta' proprjetajiet tal-Awtorità u tal-Gvern li ntwerew kien ta' 92.

### Għotja taċ-ċwievet

It-total taċ-ċwievet li ngħataw kien ta' 80.

### Ordnijiet ta' Sekwestri

In-numru totali ta' sekwestri ammonta għal 18.

### Mistoqsijiet lin-Nutara

In-Nutara wieġbu t-total ta' 88 mistoqsija.

### Riviżjoni tal-Kera

It-total ta' każijiet kien ta' 1,694.

### Laqgħat li saru fil-Kunsilli Lokali dwar l-iskema 'Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi'

Matul 2011 saru 71 laqgħat fil-Kunsilli Lokali dwar din l-iskema. Dawn il-laqgħat saru l-Birgu, Birkirkara, Bormla, Mġarr, Qormi, Rabat Malta, Rabat Għawdex, San Ġiljan, San Ġwann, Santa Luċija, l-Isla, Ta' Xbiex, Tarxien, Valletta, Żabbar, Żebbuġ u Żejtun.

Minn dawn il-laqgħat kien hemm 161 individwi li servew ta' amministraturi.

### Ittri li nħarġu mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali:

| | |
|---|---|
| Ittri rigward ir-reviżjoni tal-kera tal-Awtorità tad-Djar | 128 |
| Ittri rigward ir-reviżjoni tal-kera tal-proprjetà tal-Gvern | 1940 |
| Ittri rigward l-akkomodazzjoni alternattiva | 554 |
| Ittri rigward il-komun, il-garaxxijiet u l-iskema l-ġdida | 7696 |
| Ittri rigward mistoqsijiet mill-pubbliku *"pointing out"* | 93 |

### *Customer Care*

Kien hemm medja ta' 1,132 klijent li żaru il-*Customer Care* fis-sena 2011, filwaqt li l-Awtorità rċiviet 2,553 telefonata.

Tajjeb li ngħidu li saru 186 laqgħat oħra bejn il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità u l-klijenti kif ukoll 250 laqgħa bejn il-Kap tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali u l-klijenti tagħhom. L-għan ta' dawn il-laqgħat huwa biex l-Awtorità jkollha stampa ċara tas-sitwazzjoni.

### Skemi

**Skemi tal-Irranġar**

Parti mill-impenn tal-Awtorità tad-Djar huwa li r-residenti jkollhom dar diċenti fejn jgħixu, u b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-futur tal-komunitajiet fis-soċjetà Maltija. Skemi ntiżi għal dan il-għan huma l-iskemi diversi għall-irranġar, fejn l-Awtorità tad-Djar tipprovdi għajnuna finanzjarja biex ir-residenti jrendu r-residenza tagħhom fi stat abitabbli u ta' standard ta' abitazzjoni aċċettabbli jew xogħlijiet relatati mad-diżabilità tagħhom.



Parti mill-impenn
tal-Awtorità tad-Djar
huwa li r-residenti jkollhom
dar diċenti fejn jgħixu,
u b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-ħajja
u l-futur tal-komunitajiet
fis-soċjetà Maltija

Minkejja dan, matul is-sena 2011, l-Awtorità baqgħet għadejja bl-applikazzjonijiet pendenti taħt l-iskemi preċedenti u ħarġet is-somma ta' €21,077 taħt Skema W għal xogħlijiet li għamlu inkwilini f'residenzi mikrija mill-Gvern, €61,946 taħt Skema 5 għal xogħlijiet minn inkwilini f'residenzi mikrija mill-privat, u €27,800 taħt Skema Z għal xogħlijiet li għamlu sidien fir-residenzi tagħhom. L-Awtorità ħallset ukoll l-ammont ta' €8,041 taħt Skema 7, bħala għajnuna finanzjarja lill-persuni b'diżabilità għal xogħlijiet magħmula minnhom relatati mad-diżabilità tagħhom. Barra minn hekk, taħt Skema V, l-Awtorità iffinanzjat l-ammont ta' €237,550 sabiex jiġu nstallati *lifts* f'Entraturi/Blokki residenzjali li huma proprjetà tal-Gvern.

### Skema A

Skema ta' sussidju fuq xogħlijiet ta' irraġar u titjib minn sidien li qed jokkupaw jew li ser jokkupaw il-proprjetà tagħhom bħala r-residenza ordinarja, kif ukoll xogħlijiet biex jiġi eliminat il-periklu minn sidien li qed jikru l-proprjetà tagħhom. Matul is-sena 2011 l-Awtorità tad-Djar irċeviet 12-il applikazzjoni għal din l-għajnuna, ġiet approvata s-somma ta' €54,481.09, waqt li tħallset is-somma ta' €19,537.

### Skema SM

Skema ta' sussidju fuq xogħlijiet ta' strutturi perikolużi fi djar li huma proprjetà tal-Gvern mikrija lill-inkwilini konoxxuti, sabiex jiġi eliminat kull periklu fl-istruttura. Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 38 applikazzjoni għal din l-għajnuna, ġiet approvata s-somma ta' €35,542.37, waqt li tħallset is-somma ta' €35,780.

### Skema I

Skema ta' sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar u titjib minn inkwilini jew ċ-ċenswalisti għal residenti f'postijiet mikrija mingħand il-privat jew mingħand il-Gvern, sabiex ir-residenza tiġi fi stat abitabbli u ta' standard ta' abitazzjoni aċċettabbli. Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 110 applikazzjoni għal din l-għajnuna, ġiet approvata s-somma ta' €30,4865.63, waqt li tħallset is-somma ta' €253,351.

### Skema L

Skema ta' sussidju fuq xogħlijiet ta' titjib relatati mad-diżabilità tal-applikanti, sabiex dawn ikunu jistgħu jaddattaw ir-residenza okkupata minnhom għall-bżonnijiet tagħhom jew biex jikkonvertu parti mill-fond eżistenti f'fond separat li jippermetti lill-persuni b'diżabilità jgħixu b'mod indipendenti jew semi-indipendenti qrib il-familjari tagħhom. Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 65-il applikazzjoni għal din l-għajnuna, ġiet approvata s-somma ta' €188,229.53, waqt li tħallset is-somma ta' €137,909.

### Skema E

Skema ta' installazzjoni ta' *lifts* fi blokki/entraturi ta' appartamenti li huma proprjetà tal-Gvern u okkupati minn inkwilini rikonoxxuti mill-Gvern, jew il-Gvern ikun ko-proprjetarju flimkien mar-residenti li jkunu xtraw l-appartament fejn joqogħdu. F'dawn l-appartamenti mill-inqas persuna waħda għandha diżabilità jew problemi ta' mobilità. Matul is-sena 2011 l-Awtorità tad-Djar irċeviet applikazzjoni waħda li ġiet approvata.

## Skema għas-Sussidju tal-Kera

### Skema R

Skema li tipprovdi sussidju fuq kera mħallsa għall-residenzi mikrija mingħand il-privat. Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 474 applikazzjoni għal dan is-sussidju, ġiet approvata s-somma ta' €307,846 fis-sena, waqt li tħallas l-ammont ta' €790,651. Din il-figura tkopri s-sussidju tal-applikazzjonijiet validi kollha taħt din l-iskema, peress li applikazzjoni tibqa' tibbenefika mis-sussidju għall-perjodu ta' ħames snin.

**Għajnuna fuq l-Ewwel Proprjetà Residenzjali**
Għotja fuq il-Pagamenti tas-Self mill-Bank
Skema ta' għajnuna fuq il-pagamenti tas-Self mill-bank għax-xiri tal-ewwel residenza mill-privat. Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 4 applikazzjonijiet għal din l-għajnuna. Matul is-sena 2011, ġiet approvata s-somma ta' €3,026 bħala għotja u tħallas l-ammont ta' €11,941

**Għotja lis-Sidien fil-Bini, Irranġar u/jew Tkomplija tal-Ewwel Residenza - Skema GFR**
Skema li tipprovdi għotja biex tgħin fil-bini u/jew tkomplija ta' xogħlijiet jew irranġar tal-ewwel residenza. Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 338 applikazzjoni taħt din l-iskema, ġew approvati 328 applikazzjoni għall-ħlas u tħallset is-somma ta' €851,344.

**Fidi ta' Ċnus**
Skema P
Skema ta' fidi ta' ċens fuq *HOS plots* allokati mid-Dipartiment tal-Artijiet.

Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 7 applikazzjonijiet għall-fidi taċ-ċens taħt din l-iskema, li kollha ġew proċessati sabiex jibdew il-proċedura għall-kuntratt tal-fidi.

**Reviżjoni taċ-Ċens u Rata tal-Interessi mal-Bank**
Kull sena l-Awtorità tad-Djar tagħmel eżerċizzju fejn tirrevedi r-rata taċ-ċens u/jew ir-rata tal-interessi fuq self mill-banek lokali. Dan is-sussidju jiġi kkalkulat skont id-dħul li kellhom il-benefiċjarji tul is-sena 2010. Fis-sena 2011 kien hemm 1,127 każ li ġie rrivedut.

Matul din is-sena l-Awtorità mill-ġdid qiegħda taħdem fuq reviżjoni ta' dawn l-iskemi u fuq introduzzjoni ta' skemi ġodda. Hija l-intenzjoni tal-Awtorità li fl-2012 toħroġ ktejjeb bit-tema *'Aktar minn Saqaf fuq Rasek'* fejn tiġbor dawn l-iskemi.

Garaxxijiet
Matul din is-sena l-Awtorità, barra li biegħet ammont ta' garaxxijiet, tat 41 garaxx b'kirja ssussidjata lir-residenti li jgħixu fil-binjiet soċjali tal-Gvern. Dan għamlitu minħabba l-aspett soċjali biex tkompli tgħin lir-residenti kif ukoll minħabba li dawn il-garaxxijiet fil-passat kienu ġew battala jew użati b'mod illegali.

*Slum Clearance*
Matul din is-sena ġie konkluż il-proġett ta' *Slum Clearance* ġewwa Bormla fejn ir-residenti kollha ħarġu minn din iż-żona u ġew offruti akkomodazzjoni alternattiva.

Għaqdiet Volontarji
Għal diversi snin l-Awtorità ħadmet ma' diversi għaqdiet volontarji li jagħtu s-sehem tagħhom f'dan ir-rigward ta' postijiet. L-għotjiet li ngħataw lill-għaqdiet volontarji fis-sena 2011 kien jammonta għal €80,065.33.

Ingħataw ukoll postijiet lil:
- Sptar Monte Carmeli
- Fondazzjoni Richmond

# DIPARTIMENT **TAL-PROPRJETÀ**

## Ħarsa Ġenerali

F'Novembru 2010, il-Kap tad-Dipartiment tas-Servizzi Tekniċi u Operattivi fi ħdan l-Awtorità tad-Djar, il-Perit Sandra Magro, bdiet tokkupa l-kariga tagħha l-ġdida bħala Chairman tal-Kummissjoni għall-Ambjent u l-Ippjanar (EPC) fil-MEPA.

Il-Perit André Pizzuto nħatar sabiex imexxi dan id-Dipartiment f'April 2011 wara sejħa pubblika.

Fl-2011 saru diversi riformi u tibdiliet strutturali fl-organizzazzjoni tad-Dipartiment sabiex tiżdied l-effiċjenza u jitjieb il-livell ta' servizz li jingħata lill-pubbliku.

Fost it-tibdiliet li twettqu, hemm it-twaqqif ta' taqsima ġdida, il-*Procurement Unit*, li tispeċjalizza fuq il-preparazzjoni, evalwazzjoni u amministrazzjoni ta' tenders u sejħiet għall-offerti. Dan wassal sabiex it-tenders jiġu pproċessati iktar malajr u tissaħħaħ l-imparzjalità tal-għażla.

Ġie introdott kunċett ġdid ta' operat fi ħdan it-Taqsima tal-Manutenzjoni, fejn ix-xogħlijiet ta' tiswija ma jsirux biss abbażi ta' talbiet mill-inkwilini, iżda il-binjiet tal-Gvern jiddaħħlu fi programm ta' manutenzjoni sistematiku ta' prevenzjoni. Dan għandu jwassal sabiex fl-2012 jibdew progressivament isiru *refurbishments* mill-qiegħ ta' 'housing estates' sħaħ sabiex il-ħsarat kollha eżistenti jiġu indirizzati. Wara li jiġu konklużi x-xogħlijiet ta' *Catch-up Repairs* f'kull *estate*, il-binjiet jidħlu fi programm ta' *planned preventive maintenance* sabiex jiġu evitati ħsarat fil-binjiet residenzjali flok tissewwa l-ħsara wara li tkun saret.

Marbut ma' dan, hemm ukoll l-iskema '*Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi*' li nediet l-Awtorità tad-Djar f'April 2011 biex issir manutenzjoni fil-partijiet komuni tal-binjiet tal-Gvern. Fl-istess waqt qed jiġu ffurmati Assoċjazzjonijiet tar-Residenti sabiex jerfgħu r-responsabbiltà tal-manutenzjoni ordinarja tal-partijiet komuni. Din l-iskema għandha ukoll l-għan illi tbiddel il-kultura tar-residenti fl-appartamenti tal-Gvern sabiex jgħarrfu li d-dar tagħhom tibda mill-bieb tal-entratura tal-binja fejn jgħixu u għaldaqstant jieħdu iktar responsabiltà tal-partijiet komuni kif diġà jagħmlu ħafna minnhom ġewwa l-appartamenti fejn jgħixu.

Matul l-2011 l-Awtorità niedet ukoll skema ta' €675,000 fis-sena sabiex il-Kunsilli Lokali jagħmlu t-tisbiħ fl-ambjent madwar il-*housing estates.*

Matul l-aħħar sitt xhur tal-2011 saru l-istudji u l-preparamenti minn dan id-dipartiment għal skema ġdida li tħabbret f'Diċembru 2011, imsemmija *Skema Kiri.* Din l-iskema hija maħsuba biex tistieden sidien ta' proprjetà vojta ħalli jkunu jistgħu jikruha lill-Awtorità għall-perjodu t'għaxar snin. Dawn il-proprjetajiet jgħaddu lis-Sezzjoni tal-Akkomodazzjoni Soċjali sabiex jiġu allokati lil min qiegħed fil-lista tal-applikanti tal-Awtorità. B'hekk jitnaqqas il-bżonn li l-Awtorità żżid mal-bini eżistenti, u fl-istess ħin issib soluzzjoni iktar immedjata għall-familji u persuni l-iktar vulnerabbli.

### A. Sezzjoni tal-Manutenzjoni

Is-Sezzjoni tal-Manutenzjoni nqassmet fi tliet taqsimiet matul l-2011 sabiex tkun tista' ttejjeb l-effiċjenza u s-servizz illi tagħti lill-inkwilini li jgħixu fl-appartamenti tal-Gvern.

***Reactive Maintenance Unit***

Matul l-2011 daħlu 665 talba għal tiswijiet minn inkwilini f'appartamenti tal-Gvern, żieda ta' 22% fuq l-2010. Minn dawn, 253 (38%) ġew inklużi fil-programm ta' manutenzjoni, filwaqt illi wara spezzjoni, 145 (22%) irriżultaw li ma kinux talbiet validi jew ma kinux jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Awtorità.

L-iktar ħsarat komuni li ġew irrapurtati kienu jikkonċernaw; is-sistema tad-dranaġġ (204 jew 31%), is-sistema tal-elettriku (87 jew 13%) u ħsarat strutturali (49 jew 7%). Iż-żieda ta' ħsarat irrappurtati minn dawn it-tliet kategoriji fuq l-2010 kien ta' 51%, 58% u 104% rispettivament.

Tabella 1: Perijodu ta' żmien minn meta tiġi rraportata l-ħsara sakemm tissewwa

| | 2010 | 2011 |
|---|---|---|
| Ħsarat strutturali | 349-il ġurnata | 26 ġurnata |
| Sistema tal-elettriku | 99 ġurnata | 38 ġurnata |
| Sistema tad-dranaġġ | 167 ġurnata | 14-il ġurnata |

Huwa mistenni li dan it-titjib jiżdied matul l-2012.

***Voids Maintenance Unit***

Bejn Jannar u Diċembru tal-2011 kien hemm 71-il appartament jew dar tal-gvern li ġew vakanti mill-inkwilini li kienu jgħixu fihom u ġew riferuti lil din it-taqsima mis-Sezzjoni tal-Akkomodazzjoni Soċjali. Dawn ġew spezzjonati sabiex jiġi vverifikat l-istat attwali tagħhom, isiru stimi sabiex jingħataw għotjiet lill-inkwilini l-ġodda għat-tiswijiet li setgħu kienu neċessarji, joħorġu tenders għal tiswijiet strutturali jew addattamenti fiżiċi għall-aċċessibiltà fejn kien hemm bżonn, u jiġi kkalkulat il-valur tal-kera kummerċjali tagħhom.

## Fl-aħħar tal-2010 u l-bidu tal-2011, din is-sezzjoni ħarġet numru ta' tenders iddiżinjati sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw il-ħsarat li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji b'mod immedjat

Fl-aħħar tal-2010 u l-bidu tal-2011, din is-sezzjoni ħarġet numru ta' tenders iddiżinjati sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw il-ħsarat li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji b'mod immedjat.

Permezz ta' dawn it-tenders kien hemm tnaqqis sostanzjali fiż-żmien bejn meta daħal rapport u meta tlestew it-tiswijiet, u dan minkejja ż-żieda fil-ħsarat irrappurtati, kif jidher f'Tabella 1.

B'kollox ġew riferuti 71 post vakanti għal tiswija u manutenzjoni. L-inkwilini ġodda ngħataw għotja ta' bejn €567.49 u €12,153.46 skont il-kundizzjoni tal-proprjetà li ġiet allokata lilhom. It-total ta' għotjiet ċċertifikati minn din it-taqsima matul l-2011 kien ta' €387,021.94.

Saru wkoll diversi tiswijiet strutturali u addattamenti sabiex il-fondi jiġu aċċessibli għall-persuni b'diżabbiltà b'valur totali ta' €27,141.83.

***Scheduled Maintenance Unit***
199 blokka fi 17-il Kunsill Lokali daħlu fl-iskema '*Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi*', li permezz tagħha saru tiswijiet fil-partijiet komuni, kif jidher f'Tabella 2.

Tabella 2: '*Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi*': Numru ta' binjiet u fondi allokati għal kull Kunsill Lokali fl-2011.

| Kunsill | Numru ta' Binjiet | Fondi allokati € |
|---|---|---|
| Birkirkara | 6 | 30,000 |
| Birgu | 2 | 10,000 |
| Bormla | 10 | 50,000 |
| Mġarr | 4 | 20,000 |
| Qormi | 10 | 50,000 |
| Rabat (Għawdex) | 16 | 80,000 |
| Rabat (Malta) | 5 | 25,000 |
| San Ġiljan | 14 | 70,000 |
| San Ġwann | 15 | 75,000 |
| Isla | 5 | 25,000 |
| Santa Luċija | 20 | 100,000 |
| Ta' Xbiex | 7 | 35,000 |
| Tarxien | 10 | 50,000 |
| Valletta | 30 | 150,000 |
| Żabbar | 19 | 95,000 |
| Żebbuġ | 10 | 50,000 |
| Żejtun | 16 | 80,000 |
| **Total** | **199** | **995,000** |

Bħala parti mill-iskemi ġew ukoll iffurmati Assoċjazzjonijiet tar-Reżidenti f'kull binja li ddaħħlet f'din l-iskema sabiex l-inkwilini fl-istess blokki jibdew jerfgħu iktar responsabbiltà għall-manutenzjoni ordinarja tal-partijiet komuni.

**B. Sezzjoni tal-Iżvilupp Sostenibbli**
Din is-sezzjoni ġdida nħolqot ukoll matul l-2011 u hija komposta minn żewġ unitajiet. Il-*Projects Unit* hija responsabbli mill-programm ta' żvilupp ta' housing ġodda għall-kera (*social housing*) u għall-bejgħ (*affordable housing*).

L-*Improvements Unit* hija responsabbli mix-xogħol ta' *landscaping*, aċċessibiltà, CCTV, u lifts fil-binjiet eżistenti tal-Gvern kif ukoll dawk ġodda.

***Projects Unit***
Matul l-2011, tlesta x-xogħol fuq 56 unit ġdid maqsumin fi 32 għall-bejgħ u 33 għall-kiri, żieda ta' 100% fuq is-sena ta' qabel. Dawn huma mqassmin kif jidher f'Tabella 3.

Tabella 3: Akkomodazzjonijiet ġodda li tlestew matul l-2011

| Lokalità | Indirizz | Numru ta' Units | Tip |
|---|---|---|---|
| Floriana | 47, Triq l-Argotti | 12 | *Social* |
| Floriana | 48, Triq l-Argotti | 13 | *Social* |
| Mellieħa | Binja Miżieb, Triq il-Karamelli | 9 | *Affordable* |
| Mġarr | Blk B, Binja Skorba | 6 | *Affordable* |
| Mġarr | Blk C, Binja Skorba | 6 | *Affordable* |
| Paola | Plot 13, Triq Angelo Psaila | 3 | *Affordable* |
| San Ġwann | Blk O, Triq ir-Rummien | 3 | *Affordable* |
| Valletta | 91, Triq il-Merkanti | 8 | *Social* |
| Żejtun | Plot 10, Tad-Dollieġħa | 3 | *Affordable* |
| Żurrieq | Plot 4, Triq l-Indipendenza | 2 | *Affordable* |

### *Improvements Unit*

L-*Improvements Unit* installat 11-il lift matul l-2011 taħt l-iskema V jew E bi spiża totali ta' €407,556.02. Dawn kienu imqassmin kif jidher fit-Tabella 4.

Permezz ta' skema ġdida mħabbra f'April 2011, 11-il Kunsill Lokali bbenefika minn fondi għall-proġetti ta' tisbiħ fil-madwar tal-*housing estates* b'valur totali ta' €675,000. Il-Kunsilli li bbenefikaw kienu il-Birgu, Birżebbuġa, Gudja, Kirkop, Luqa, Mellieħa, Qormi, ir-Rabat Għawdex, San Ġwann, Santa Luċija, u l-Belt Valletta.

Tabella 4: Lifts installati matul l-2011

| Binja | Numru | Spiża € |
|---|---:|---:|
| 13, Triq Sant'Anna, Floriana | 1 | 40,729.57 |
| Blocks 1-3, Valletta Road, Kirkop | 3 | 70,232.00 |
| Block C2, Pjazza Madonna ta' Fatima, Pietà | 1 | 38,235.00 |
| Block C, Fuq tal-Blat, Qormi | 1 | 39,370.60 |
| Block 6, Triq id-Deheb Fin, Qormi | 1 | 33,497.47 |
| Block 3, Door P, Triq Dun Xand Cortis, Sta. Venera | 1 | 46,087.92 |
| Block D4, Triq il-Kosbor, Ta' Xbiex | 1 | 52,953.91 |
| Block C5, Triq il-Principessa Margerita, Ta' Xbiex | 1 | 52,935.91 |
| Block C, Ta' Ganza, Triq l-Isqof Emm. Galea, Zejtun | 1 | 33,495.64 |
| **Total** | **11** | **407,556.02** |



Gudja: Qabel



Gudja: Wara

| Lokalità | Deskrizzjoni qasira dwar il-Proġett | Proġett Edukattiv |
|---|---|---|
| Birżebbugia | Irranġar tal-ħitan ta' madwar il-blokka | Korsijiet fuq Glass Painting u diskussjonijiet dwar Physio Therapy, kura tas-saqajn u diskussjonijiet oħra mingħand il-pulizija. |
| Għawdex | Titjib taż-żona madwar Taċ-Ċawla | Korsijiet tal-Parental Skills |
| Gudja | Tisbiħ tal-housing estate | Sport fil-ħin ta' wara l-iskola; għajnuna lit-tfal fil-homework; għajnuna lill-anzjani biex jieħdu ħsieb lin-neputijiet |
| Luqa | Titjib/ tisbiħ ta' Pjazza Ħal Farruġ | Diskussjonijiet pubbliċi lir-residenti u attivitajiet soċjali |
| Mellieħa | Żona ta' rikreazzjoni u tisbiħ tal-madwar fil-Qasam ta' Penellu | Korsijiet tal-kompjuter; korsijiet tat-trobbija tat-tfal; Korsijiet għall-anzjani (bizzilla); kors tal-first aid; Kors tal-Malti għall-barranin |
| Kirkop | Tisbiħ u tiswijiet fil-pavimentar;<br>Xogħolijiet ta' tisbiħ fil-madwar;<br>Installazzjoni ta' pannelli solari;<br>CCTVs u faċilità ta' riċiklaġġ | Kors tal-ICT għat-tfal;<br>Kors tat-trobbija tat-tfal;<br>Kors ta' handcrafts għat-tfal;<br>Kors tal-qari u kitba |
| Qormi | Tisbiħ ta' passaġġi f'De La Cruz u tisbiħ ta' Pascarella Housing Estate | Korsijiet tal-kompjuter;<br>Korsijiet kulturali;<br>Diskussjonijiet dwar prevenzjoni ta' drogi u kriminalità, sigurta' fid-djar u separazzjoni ta' skart, użu tal-enerġija b'mod għaqli u saħħa |
| San Ġwann | Xogħolijiet fil-pavimentar f'Misraħ Awrikarja | Korsijiet tal-ICT, aċċess għall-internet b'xejn u kampanja għas-separazzjoni tal-iskart |
| Santa Luċija | Installazzjoni tad-dwal LED fil-jogging track | Il-Kunsill Lokali ippropona programm ta' fitness |
| Valletta | Tisbiħ tal-Pjazza Mattia Preti | Korsijiet tad-drama għat-tfal; korsijiet tal-bizzilla biċ-ċombini għall-anzjani; korsijiet ta' ġardinaġġ u parental skills u sports |
| Birgu | Kostruzzjoni ta' ġnien pubbliku u parkeġġ ftal-Ħawli | Korsijiet tal-IT u korsijiet biex jgħinu lit-tfal jistudjaw u jagħmlu l-homework |



Permezz ta' skema ġdida
mħabbra f'April 2011, 11-il Kunsill Lokali
bbenefika minn fondi għall-proġetti
ta' tisbiħ fil-madwar tal-housing estates
b'valur totali ta' €675,000

Marbut max-xogħlijiet ta' tisbiħ, l-iskema pprovdiet ukoll fondi għall- programmi edukattivi sabiex jissaħħu l-komunitajiet lokali fiż-żona tal-estates.

F'Diċembru 2011, beda wkoll ix-xogħol ta' *landscaping* fil-proġett ta' *affordable housing* ġewwa s-sit A1 – A4 fi Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Dawn huma ppjanati li jitlestew f'Ġunju 2012.

## Ċ. Sezzjoni tal-Operat

Is-Sezzjoni tas-Servizzi Tekniċi ġiet riformata lejn l-aħħar tal-2011 biex saret is-Sezzjoni tal-Operat komposta minn tliet taqsimiet.

***Property Migration Unit***

F'Lulju 2011 inbeda x-xogħol sabiex il-postijiet tal-Gvern mikrija għal skop soċjali jiġu mgħoddija lill-Awtorità tad-Djar. Dawk il-binjiet li fihom tiġi ffurmata Assoċjazzjoni tar-Reżidenti ser jiġu trasferiti mid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern matul l-2012. Bi preparament għal dan il-għan, 159 binja fejn saru l-Assoċjazzjonijiet u 13-il binja fil-Kottonera li kienu amministrati mill-Gvern taħt it-titolu ta' Pussess u Użu, ġew imkejla sabiex ikunu jistgħu jiġu identifkati l-pożizzjonijiet u l-qies tal-binjiet. Dan il-kejl għadda lid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Proprjetà sabiex jitħejjew il-pjanti neċessarji għat-trasferiment tal-proprjetà.

Saru wkoll riċerki fuq liema appartamenti u ishma indiviżi tal-partijiet komuni f'dawn il-binjiet kienu inbiegħu permezz ta' skema tal-Awtorità fil-passat. Ġew ukoll imkejla 17-il fond jew art sabiex ikunu jistgħu jiġu rreġistrati mad-Dipartimenti tar-Reġistru tal-Artijiet.

***Acquisitions & Disposals Unit***

Matul l-2011, din it-taqsima għaddiet iċ-ċwievet ta' 23 proprjetà ġdida lill-benefiċjarji tal-Awtorità. Kejlet 12-il proprjetà taħt l-iskema *Ninvesti fid-Dar Tiegħi*¸ u 36 fond bħala parti mill-proċess ta' rikonoxximent ta' residenti preżenti jew ta' tpartit.

Saru wkoll valutazzjonijiet u pjanti ta' 27 fond taħt l-iskema *Ninvesti fid-Dar Tiegħi*, 64 garaxx jew ħanut, u 48 art mibjugħa taħt l-iskema HOS għal rifużjoni tas-sussidju.

***Private Sector Housing Unit***

Din it-taqsima għamlet diversi spezzjonijiet f'proprjetajiet privati fuq applikazzjoni ta' benefiċjarju taħt xi waħda mill-iskema illi toffri l-Awtorità jew f'proprjetajiet ta' NGOs għal xi skemi offruti lilhom. L-ispezzjonjiet isiru sabiex issir stima għall-għotja għal skema ta' rranġar jew adattament għall- persuni b'diżabbiltà, jew biex tiġi vverifikata l-adempjenza ma' xi kundizzjoni tal-istess skemi. In-numru u t-tip ta' spezzjoni jidhru f'Tabella 5.

Tabella 5: Spezzjonijiet imwettqa f'fondi privati jew ta' NGOs fuq applikazzjoni għal skema

| Tip ta' spezzjoni | Numru |
|---|---|
| Verifika tal-kundizzjoni ta' fondi li fuqhom jingħata sussidju fuq il-kera (Skema R) | 511 |
| Verifika ta' xogħol imwettaq taħt l-iskema GFR | 388 |
| Verifika tal-kundizzjoni ta' fondi sabiex tingħata għajnuna finanzjarja għall-irranġar (Skemi 5, Z, W, I, A) | 153 |
| Verifika tal-kundizzjoni ta' fondi sabiex tingħata għajnuna finanzjarja lil persuni b'diżabbiltà (Skemi 7, L) | 39 |



Qormi: Qabel



Qormi: Wara

Sar ukoll kejl ta' diversi *child care centres* pubbliċi bħala għajnuna amminstrattiva lill-entitajiet oħra sabiex jikkonfermaw il-konformità tagħhom mal-liġijiet u r-regolamenti f'dan il-qasam.

Matul l-2011 saru 198 stima għall-għajnuna finanzjarja fuq xogħol ta' rranġar u titjib f'fondi eżistenti taħt id-diversi skemi tal-Awtorità, kif ukoll 22 valutazzjoni ta' proprjetà li tirriżulta minn riċerki fuq benefiċjarji ta' skemi ta' dawn l-istess skemi. Il-valutazzjoni ssir sabiex jiġi stabbilit jekk l-applikanti humiex eliġibbli għall-għajnuna.

### Sezzjoni tal-*Procurement*

Matul l-2011, is-Sezzjoni tal-*Procurement* ħarġet 22 tender ġdid. Imqabbel mal-2010, kien hemm tnaqqis fil-bżonn ta' ħruġ ta' tenders, partikolarment f'dawk ta' valur żgħir minħabba illi s-Sezzjoni tal-Manutenzjoni bdiet tagħmel użu minn *period contracts* b'terminu ta' tliet snin.

Permezz tat-taħriġ tal-ħaddiema fil-*Procurement Unit* u t-titjib fil-proċess tal-evalwazzjoni, il-medja taż-żmien li ttieħdet biex ġew evalwati l-offerti ta' tenders niżel minn 8 xhur għal 5 ġimgħat bejn l-ewwel sitt xhur u l-aħħar sitt xhur tal-2011.

# SEZZJONI **NOTARILI**

Matul din l-aħħar sena 2011 ġew iffirmati total ta' 1,457 bejn kuntratti u konvenji

1. Dawn kienu jikkonsistu f'*84*-il kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar. Dawn jinkludu kuntratti ta' bejgħ ta' appartamenti u mezzanini kif ukoll garaxxijiet mibjugħa bit-tender u kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini.
2. Saru 235 kuntratt finali wara li ħareġ l-avviż legali minn naħa tad- Dipartiment tal-Artijiet.
3. Ġew iffirmati *368* kuntratt/konvenju biex jinfeda ċ-ċens perpetwu.
4. 163 kuntratt ta' bejgħ ta' propjetà bejn terzi persuni li jinvolvu kanċellamenti u kostituzzjoni ta' ipoteki u rifużjoni ta' sussidji, u
5. *33* kuntratt ta' ipoteki fuq skemi li jipprovdu għajnuna sabiex tirranġa id-dar.
6. F'dan il-perjodu ta' żmien ukoll saru *569* konvenji ta' diversi skemi li jipprovdu għajnuna sabiex tirranġa d-dar, konvenji ta' sussidju tal-kera tal-postijiet privati, konvenji fuq xiri ta' proprjetà mill-Awtorità tad-Djar, u konvenji ta' xiri ta' propjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini.
7. Din is-sena saru ukoll *5* kuntratti ta' skemi li jgħinu lill-applikanti jixtru mill-privat.

| | Tip ta' kuntratti | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Kuntratti ta' bejgħ (appartamenti u mezzanini) | 43 |
| | Kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini | 2 |
| | Kuntratti ta' bejgħ u garaxxijiet bit-tender | 39 |
| 2. | Kuntratti finali (appartamenti u mezzanini) | 70 |
| | Kuntratti finali ta' artijiet (Home Ownership) | 153 |
| | Kuntratti finali ta' garaxxijiet bit-tender | 12 |
| 3. | Fidi ta' ċens Skema P | 11 |
| | Fidi ta' ċens Skema Q | 2 |
| | Fidi ta' ċens Skema K | 336 |
| | Fidi ta' ċens (appartamenti u mezzanini) | 19 |
| 4. | Proprjetà trasferita bejn terzi persuni/ ipoteki fuq kostruzzjoni Home Ownership | 53 |
| | Proprjetà trasferita bejn terzi persuni (appartamenti u mezzanini) | 9 |
| | Proprjetà trasferita bejn terzi persuni (loan subsidy) | 101 |
| 5. | Kuntratti ta' ipoteki fuq Skema A | 11 |
| | Kuntratti ta' ipoteki fuq Skema L | 22 |
| 6. | Konvenji ta' Skema SM | 28 |

| | | |
|---|---|---|
| | Konvenji ta' Skema Ħamsa | 2 |
| | Konvenji ta' Skema I | 117 |
| | Konvenji ta' Skema L | 25 |
| | Konvenji ta' appartamenti u mezzanini | 18 |
| | Konvenji ta' Skema R | 379 |
| 7. | Għajnuna ta' xiri mill-privat Skema GALR | 4 |
| | Għajnuna ta' xiri mill-privat skema ISS | 1 |

## Sezzjoni tal-Verifika

**Għotjiet għall-Irranġar**

F'dawn l-iskemi ġew ivverifakti dawn li ġejjin:

Ix-xogħolijiet ġew iffinalizzati u kkonfermati mill-Perit.
L-għotjiet ġew mgħoddija fuq approvazzjoni u konfermazzjoni li x-xogħolijiet saru.
Verifika li l-benefiċċjarji ta' xi skema jew sussidju qed jgħixu fil-proprjetà rispettiva skont il-kundizzjonijiet.

Is-sezzjoni tal-verifika ċċertifikat 204 każijiet għall-għotjiet tal-irranġar. Dawn il-każijiet ġew riferuti lis-sezzjoni tal-finanzi għall-pagamenti.

**Skema ta' Sussidju tal-Kera**

Taħt din l-iskema, is-sezzjoni tal-verifika toħroġ pagament tas-sussidju tal-kera perjodikali sakemm jiskadu il-ħames snin validità tal-applikazzjoni.

Is-sezzjoni tal-verifika ipproċessat u approvat 8,028 pagament li kienu riferuti għas-sussidju tal-kera.

Dawn il-pagamenti ġew maħruġa wara li ntbagħtu ittri lill-benefiċċjarji kollha biex jipproduċu d-dokumenti meħtieġa u wara li dawn ġew ivverifikati.

Is-sezzjoni tal-verifika nfurmat ukoll lill-144 benefiċċjarju li l-ħames snin tal-vaidità tal-applikazzjoni kienet se tiskadi u ġew imħeġġa biex jerġgħu japplikaw.

**L-Okkupazzjoni**

Is-sezzjoni tal-verifika taċċerta li l-kundizzjonijiet tal-iskema qed jiġu mħarsa mill-okkupanti.

**Verifika tal-Fidi taċ-Ċnus**

Is-sezzjoni tal-verifika tiċċekkja l-ammonti tal-fidi ta' ċnus. Dawn il-każijiet ġew riferuti lis-sezzjoni notarili jew sezzjoni taċ-ċnus biex il-benefiċċjarji jkunu infurmati kif suppost.

**Sezzjoni taċ-Ċnus**

Is-sezzjoni taċ-ċnus hija responsabbli mill-ġbir tal-kirjiet u ċ-ċnus, kemm dawk li jitħallsu lill-Awtorità kif ukoll ta' dawk li għadhom irreġistrati mad-Dipartiment tal-Artijiet.  Kull proprjetà hija immaniġġjata fuq sistema elettronika.

Matul l-2011 il-kirja u ċ-ċens kienu amministrati mill-Awtorità tad-Djar.  L-Awtorità tad-Djar tieħu ħsieb ukoll kirjiet u ċnus li huma amministrati mid-Dipartiment tal-Artijiet billi d-dħul jappartjeni lill-Awtorità tad-Djar.

# RIĊERKA U
# RELAZZJONIJIET EWROPEJ

L-Awtorità tad-Djar dejjem ħadmet biex tikseb informazzjoni fuq l-aħħar żvilluppi dwar programmi għall-fondi Ewropej sabiex tkun tista' tiffinanzja aktar proġetti soċjali, ambjentali u ta' taħriġ.

### ERDF104 *Stronger Cottonera Communities – The citizens' right to accessibility*

L-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kompliet il-proġett ta' riabilitazzjoni urbana fiż-żona tal-Port il-Kbir bit-titlu – *Stronger Cottonera Communities – The citizens' right to accessibility and mobility.* Dan il-proġett, bl-isem ta' ERDF 104, huwa parti mill-pjan ta' tisħiħ tal-għaqda Ekonomika u Soċjali fl-Unjoni Ewropea. Il-proġett huwa 85% finanzjat mill-Fondi Strutturali filwaqt li l-15% jintefqu mill-fondi Nazzjonali.

L-għan ewlieni tal-Awtorità tad-Djar f'dan il-proġett hu li jitranġaw l-partijiet komuni taż-żewġ oqsma ta' bini storiku f'Bormla li fil-passat kienu jintużaw mis-Servizzi Ingliżi iżda llum il-ġurnata huma utilizzati għall- akkomodazzjoni soċjali. Dawn iż-żewġ oqsma huma l-Kwartieri ta' San Nikola u l-kumpless ta' Fuq Verdala li jinsabu biswit is-swar mibnija mill-Kavallieri bħala fortifikazzjoni. L-iskop ta' dan il-proġett hu li jiġu rranġati dawn iż-żewġ kumplessi. Fost ix-xogħlijiet li qed isiru hemm xogħol fuq il-faċċata, il-bejt, it-turġien, kurituri komuni, u l-aperturi li jagħtu għall-faċċata Fuq Verdala. Ser jiġi nstallat lift fil-Kwartieri San Nikola. Bħala parti mill-proġett se jsir ukoll xogħol fl-inħawi ta' madwar il-bini sabiex jidher isbaħ filwaqt li se jiġu implimentati miżuri li jiffrankaw l-użu tal-enerġija bħal installazzjoni ta' *solar panels* kif ukoll użu ta' bozoz li jaħlu inqas dawl. Ġie wkoll installat *'roof insulation'* u membrane fuq il-bjut. B'hekk dan il-proġett ta' rinovazzjoni jkun qed iservi wkoll sabiex jiġi mħajjar l-użu ta' enerġija b'mod iktar effiċjenti.

**L-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kompliet il-proġett ta' riabilitazzjoni urbana fiż-żona tal-Port il-Kbir bit-titlu – *Stronger Cottonera Communities – The citizens' right to accessibility and mobility***









F'Novembru tas-sena 2010 beda x-xogħol fuq it-tneħħija ta' strutturi rregolari minn mal-bini oriġinali.  U dawn tkomplew matul is-sena 2011. Xogħlijiet ta' riabilitazzjoni ta' dan il-proġett bdew f'Lulju. Sabiex titnaqqas l-inkonvenjenza, ir-residenti qed jiġu avżati skont l-iskeda tax-xogħlijiet.  L-irwol tal-Awtorità tad-Djar kien li tiffaċilita u tassisti fit-tmexxija tal-proġett filwaqt li tkun medjatur mar-residenti. Matul is-sena li ġejja l-Awtorità ser tkompli taħdem fil-qrib mar-residenti biex ikun hemm aktar parteċipazzjoni u responsabbiltà minnhom.

### ERDF102 *Energy-Smart Authority*

L-Awtorità tad-Djar mexxiet ukoll il-proġett ERDF102 *Energy-Smart Authority*.  Il-proġett kien 85% finanzjat mill-Fondi Strutturali filwaqt li l-15% jintefqu mill-fondi Nazzjonali.

F'dan il-proġett, l-Awtorità tad-Djar ħadet l-inizjattiva sabiex fil-binja tal-Uffiċċini tal-Awtorità fil-Furjana,  jibdew jittieħdu miżuri sabiex ikun hemm aktar effiċjenza fl-użu tal-elettriku.  Ġiet installata wkoll sistema ta' pannelli *photovoltaic*.  Dan il-proġett serva bħala eżempju sabiex aktar sistemi bħal dawn jiġu installati.

Filwaqt li l-Awtorità għadha tibbenefika minn dan il-proġett, preżentament qiegħed jinħadem ir-rapport finali u r-rapport għall-għeluq ta' dan il-proġett.




### ESF3.61 E4L Embark for Life

*Embark for Life* huwa proġett ko-finanzjat mill-Fondi Soċjali Ewropej.  Dan il-proġett ġie mfassal mill-Fondazzjoni għas-servizzi tal-Ħarsien Soċjali b'kontribut dirett tal-aġenziji fi ħdan il-Fondazzjoni; L-*Appoġġ* u s-*Sedqa*.

L-Awtorità tad-Djar u l-ETC ħadu sehem ukoll fi sħab f'dan il-proġett.  L-ETC offriet is-servizzi tagħha għal dak li jinvolvi impjieg u taħriġ.  Filwaqt li l-Awtorità tad-Djar offriet proprjetà tagħha biex tintuża bħala ċentru għall-operazzjonijiet ta' E4L.

L-Awtorità tad-Djar tat sapport ukoll lil żgħażagħ li fittxew is- servizzi ta' dan il-proġett u ma kellhomx saqaf fuq rashom biex b'hekk ġew mgħejjuna biex ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar.

**Ġiet installata ukoll sistema ta' pannelli *photovoltaic*. Dan il-proġett serva bħala eżempju sabiex aktar sistemi bħal dawn jiġu installati**



**ESF4.100 *Developing Core Skills in the Public Sector***
F'dan il-proġett l-Awtorità tad-Djar ipparteċipat billi ifformat parti minn Bord ta' Evalwazzjoni ta' tender għal servizzi edukattivi.

Matul 2011 l-Awtorità tad-Djar bdiet ir-riċerki tagħha biex tara x'possibiltajiet hemm għal aktar proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea speċjalment fil-qasam edukattiv u fil-qasam tal-enerġija u aċċessibiltà

# RELAZZJONIJIET **PUBBLIĊI**

L-Awtorità  tad-Djar ħadet diversi inizzjattivi biex tippromovi is-servizzi mal-pubbliku Malti speċjalment tippromovi inizzjattivi ġodda biex titjieb il-konkorrenza tagħhom kif ukoll jitjiebu s-servizzi billi l-informazzjoni titpoġġa b'mod aktar aċċessibli għal dawk kollha li jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi tal-istess Awtorità.




### Tnedija ta' kampanja *'Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi'*

Fit-13 ta' April 2011, L-Awtorità tad-Djar nediet il-kampanja *'Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi'* permezz ta' konferenza stampa f'San Ġwann.  Għaliha kienet preżenti wkoll l-Onorevoli Ministru Dolores Cristina, kif ukoll Sindki u repreżentanti oħra ta' diversi Kunsilli Lokali.  Waqt il-konferenza stampa tkellem il-Kap Eżekittiv tal-Awtorità, Dott. Albert Buttiġieġ kif ukoll l-eks *Chairman* tal-Awtorità, Is-sur Charles Borg, u rappreżentanti oħra mill-Awtorità.











**Fl-okkażjoni tas-sena ddedikata lill-volontarjat l-Awtorità tad-Djar organiżżat l-attivitajiet li ġejjin:**

**Kunċert ta' mużika sagra ġewwa l-Knisja ta' San Duminku fir-Rabat, Malta**

L-Awtorità issieħbet mal-*Coral Singers* biex torganizza kunċert ta' mużika sagra. Dan il-Kunċert ġie mtella nhar it-3 ta' Ġunju 2011 fil-Knisja ta' San Duminku, Rabat, Malta. L-għan ewlieni ta' dan il-kunċert kien li, barra li l-Awtorità tiċċelebra din is-sena tal-Volontarjat, tiġbor flus mill-pubbliku preżenti għad-dar ta' Fra Diego ġewwa l-Ħamrun. Inġabret is-somma ta' €906.78.

**Esibizzjoni tal-Arti: "Heritage in Stone"**

Fl-okkażżjoni għas-sena 2011, li hija s-sena ddedikata lill-volontarjat, l-Awtorità tad-Djar sponsorjat wirja tal-arti bit-tema "Heritage in Stone" li ġiet imtella matul Settembru u Ottubru. Il-wirja nfetħet mill-Ministru Dolores Cristina.

Wieħed mill-għanijiet ta' din il-wirja kienet biex l-Awtorità tad-Djar tgħin finanzjarjament lill-NGOs li jagħmlu tant xogħol siewi fil-volontarjat. L-Awtorità tad-Djar għażlet lill-Fondazzjoni *Inspire* sabiex tibbenefika minn din l-inizjattiva. Filfatt, għoxrin fil-mija ta' kull bejgħ mar għal din il-fondazzjoni. Inġabru €750 minn dawn il-pitturi.

Il-wirja kienet tikkonsisti minn 38 biċċa xogħol tal-arti, magħmula minn studenti li jattendu l-iskola tal-Arti ta' Malta, l-MCAST u l-iskola tal-Arti Wistin Camilleri f'Għawdex, fejn qed toffri opportunità lil dawn l-istudenti sabiex jesibixxu x-xogħol tal-arti tagħhom. Kull biċċa arti esibita tesprimi interpretazzjoni differenti tat-tema magħżula, ippreżentata skont l-immaġinazzjoni u l-fantasija tal-artist. Din il-wirja qed toffri wkoll opportunità lill-istudenti tal-arti f'Malta u f'Għawdex sabiex jaħdmu u jżidu l-ħiliet kreattivi tagħhom waqt li toffrilhom okkażżjoni sabiex jesibixxu x-xogħol tagħhom kollettivament. It-tema magħżula



ħeġġet ukoll sabiex tiżdied il-kuxjenza u l-apprezzament lejn il-valur tal-wirt storiku tagħna fil-ġebla Maltija u l-bżonn li nibżgħu għalih u nippreservawh.

## Tnedija tal-*website* il-ġdida tal-Awtorità tad-Djar

Fl-14 ta' Lulju 2011, L-Awtorità nidiet sit elettroniku ġdid. Dan is-sit elettroniku huwa maħsub biex iwassal l-informazzjoni neċessarja lill-klijenti tagħna biex jiġu provduti servizzi aħjar u aktar effiċjenti, kif ukoll biex il-pubbliku jsir aktar familjari mal-Awtorità, mal-ħaddiema u max-xogħol tagħha.

Permezz tal-aċċess għall-informazzjoni *online,* l-applikanti jistgħu jippreparaw ruħhom dwar xi diffikultajiet u mistoqsijiet li jistgħu jkollhom rigward l-applikazzjoni tagħhom.

L-Awtorità tad-djar temmen li l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd. Għalhekk dan is-sit elettroniku ġdid ġie żviluppat b'mod sempliċi u faċli. Il-pubbliku jista' jagħżel li jara din l-informazzjoni kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Barra minn hekk, is-*software* li użajna huwa aġġornat mar-regolamenti u l-linji gwida tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) u l-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità tal-Informatika u t-Teknoloġija (FITA) biex nestendu is-servizz il-ġdid għal kulħadd.

Is-sit jipprovdi wkoll *links* u kuntatti ta' diversi servizzi soċjali oħra. L-Awtorità temmen fil-kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra sabiex il-klijenti jkollhom servizzi b'mod olistiku.

Is-sit elettroniku jista' jkun aċċessat minn: www.housingauthority.com.mt.








### Tnedija tal-iskema *Ninvesti Fid-Dar Tiegħi*

L-iskema *Ninvesti fid-Dar Tiegħi* tnediet fit-2 ta' Awwissu 2011 waqt konferenza stampa fil-Ġnien tal-Gardjola, l-Isla. Din l-iskema toffri opportunità lill-kerrejja legali li jgħixu fil-proprjetajiet tal-Gvern fil-Kottonera biex jixtru d-dar li jgħixu fiha u jsiru sidien ta' darhom. Għal din il-konferenza attendew il-Ministri Dorlores Cristina, Jason Azzopardi u diversi rappreżentanti tal-Awtorità.

### AĊĊESS *Open Day*

Nhar il-Ħadd 20 ta' Novembru 2011 l-Awtorità tad-Djar ħadet sehem fl-*Open Day* li saret fl-AĊĊESS tal-Kottonera. Il-pubbliku kien iktar infurmat bl-iskemi li toffri l-Awtorità . Waqt l-Open Day kien hemm attivitajiet għall-familja kollha u informazzjoni fuq diversi servizzi soċjali, fosthom fuq l-impjieg, skemi tal- Awtorità tad-Djar u promozzjonijiet dwar is-saħħa.





### Aġġornament tal- Kampanja *Il- Binja Tiegħi id-Dar Tiegħi*

L-Awtorità  tad-Djar u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqgħu nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru fi Pjazza Mattia Preti fil-Belt biex jagħtu aġġornament tal-proġett *'Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi'* li kien ġie mniedi fit-13 t'April 2011. L-għan tal-Awtorità huwa li toffri ambjent aħjar u li ssir manutenzjoni fiżika fil-komun tal-binjiet tal-Gvern biex ir-residenti jieħdu ħsieb il-binja ta' fejn joqogħdu. Il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità flimkien mas-Sindku tal-Belt Valletta indirizzaw l-importanza tas-sens ta' responsabbiltà bejn ir-residenti u l-madwar ta' fejn joqgħodu.

### Tnedija ta' *Skema Kiri*

Il-Ministru Dolores Cristina nediet *Skema Kiri* nhar id-19 ta' Diċembru 2011. Skema Kiri hija opportunità għal sidien ta' djar u appartamenti vojta biex jikruhom lill-Awtorità tad-Djar għal perjodu minimu ta' għaxar snin. Dawn il-proprjetajiet jerġgħu jinkrew mill-Awtorità lill-klijenti tagħha. Is-sidien jibbenefikaw minn rata ta' taxxa ta' 5% minflok 35%.  Matul il-bidu tas-sena 2012, se tibda' kampanja ta' informazzjoni bl-għan li l-Awtorità tibda' tirċievi applikazzjonijiet mis-sidien privati.








**Tnedija tal-Kunċett ta' Għixien Semi-Indipendenti**

L-għan ewlieni tal-għajxien semi-independenti hu li tiġi żviluppata l-abilità biex persuna tkun tista' tgħix kemm jista' jkun b'mod indipendenti kemm fl-abitazzjoni tagħha kif ukoll f'akkomodazzjoni ma' ħaddiema li jkunu hemm biex jgħinuha.

Din it-tip ta' akkomodazzjoni tippermetti lir-residenti biex jirriservaw il-privatezza u l-indipendenza fl-abitazzjoni tagħhom imma b'aċċess għall-għajnuna u għall-appoġġ neċessarju biex jintegraw ruħhom aħjar fil-komunità.

**Kampanja Edukattiva**

L-Awtorità tad-Djar nediet kampanja edukattiva marbuta mal-programm ta' manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern biex jeduka lir-residenti u biex ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar.

Ġiet imtella attività li għaliha kienu mistiedna diversi għaqdiet volountarji sabiex l-Awtorità tippreżenta dan il- kunċett kif ukoll l-għajnuna li tista' toffri. Kienu preżenti wkoll Dr. Stephen Spiteri, Assistent Parlamentari għall-Ministru tal-Edukazzjoni u Xogħol.

L-Awtorità ħadet ukoll l-inizjattiva biex tidher regolament fuq il-mezzi tax-xandir fuq programmi bħal *Bongu, Familja Waħda, Sellili, TVAM, Xarabank* eċċ. L-Awtorità ittella programm regolari fuq l-RTK ippreżentat minn Walter Sultana bl-isem ta' *Darek, Flusek u Negozju* biex dejjem tibqa qrib dawk li l-aktar għandom bżonn is-servizzi tagħha.

# RIŻORSI **UMANI**

### Ċentru ġdid tat-Taħriġ
B'mod regolari l-Awtorità tad-Djar ikollha diversi ħtiġijiet ta' organizzazzjoni ta' taħriġ, *seminars* u *workshops* żgħar u anke ħtiġijiet bażiċi bħal post fejn jistgħu jsiru l-laqgħat. Għalhekk, lejn l-aħħar tas-sena 2011, ittieħdet deċiżjoni biex tindirizza din in-neċesità u b'hekk jinstab post biex jintuża għal dan l-iskop.

### Ftehim Kollettiv
Matul is-sena 2011, l-*management* tal-Awtorità tad-Djar flimkien mal-*Union* rikonoxxuta u rappreżentata mis-CBU bdew jinnegozjaw Ftehim Kollettiv ġdid.

Hekk kif kien pjanat, l-Awtorità niedet *policies* ġodda fuq diversi suġġetti sabiex dawn ikunu linji gwida kif ukoll ta' għajnuna għall-ħaddiema tal-istess Awtorità.

### Rekrutaġġ
Matul is-sena 2011, l-Awtorità impjegat żewġ ħaddiema ġodda, erba' *back-to-back* u erba' sostituzzjonijiet f'oqsma u dipartimenti differenti. Filwaqt li qed tkompli toffri s-servizzi ta' Psikologa u *Social Worker* sabiex dawn jgħinu u jassistu lill-ħaddiema tal-Awtorità f'mumenti diffiċli fil-ħajja tagħhom. Dan jgħin ukoll sabiex il-ħaddiema xorta waħda jibqgħu jagħtu s-servizz professjonali tagħhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dan is-servizz jingħata wkoll lill-ħaddiema li jaħdmu fil-*Customer Care* minħabba li huma jiltaqgħu kontinwament ma' problemi soċjali li għandhom il-klijenti tal-Awtorità.

L-Awtorità tad-Djar tixtieq tirringrazzja lil dawk il-ħaddiema li rtiraw, talli tul il-ħidma tagħhom taw servizz tajjeb lill-Awtorità.

Din is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar ħasset l-bżonn li ssaħħaħ u jkollha iktar kontroll fuq l-proġetti ta' bini li għaddejjin bħalissa. Għalhekk ġie mqabbad konsulent fuq Disinn, Kostruzzjoni u Manutenzjoni sabiex jassisti u jissorvelja x-xogħlijiet fuq siti ta' kostruzzjoni, kif ukoll josserva iktar il-ħarsien tal-impjegati rigward is-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol.

Għas-sena li ġejja huwa ppjanat li l-Awtorità timpjega u toffri s-servizz ta' *Community Worker*. Dan sabiex tkun tista' tibda toffri s-servizz lill-klijenti tagħha sabiex wara li jkunu ġew allokati post bil-kera, jkunu jistgħu jibqgħu jiġu megħjuna kemm f'oqsma soċjali, finanzjarji, kif ukoll dak edukattivi.

### Taħriġ
Matul is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar iffinanzjat 206 korsijiet u konferenzi kif ukoll offriet boroż ta' studji lil diversi ħaddiema li urew ix-xewqa li javvanzaw fl-istudji tagħhom. Kif kien pjanat l-impjegati kollha tal-Awtorità jingħataw iktar taħriġ, l-aktar fuq kommunikazzjoni, *Leadership, Customer Care* u *Team Building*.

### Taħriġ Lokali
Fost il-206 taħriġ offrut, 44 ħaddiema attendew għal 58 kors li ġew organizati miċ-ċentru għall-Iżvilupp, Riċerka u Taħriġ magħruf iktar bħala



Diversi ħaddiema kellhom l-opportunità li jattendu għall-konferenzi barra minn Malta... sabiex b'hekk jesponu ruħhom għal iktar ideat u jifħu moħħhom għal iktar tagħlim kif ukoll jagħmlu kuntatti ġodda fil-qasam tagħhom fejn jikonċerna *housing*

CDRT, fuq suġġetti varji fosthom *Management* u *Continuous Development*. Ingħata ukoll taħriġ fuq l-ortografija tal-Malti sabiex b'hekk l-ħaddiema ikunu dejjem aġġornati fil-bidla tal-lingwa li qed iseħħ minn żmien għal żmien. Korsijiet oħra li ġew provduti kienu fuq suġġetti varji fosthom:

- F'sistemi ta' ġenerazzjoni tal-elettriku u użu tal-enerġija alternattiva
- Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
- Kwalità fis-Sigurtà Soċjali.
- Manutenzjoni fil-Qasam tad-Djar.
- Bini li juża enerġija b'mod effiċjenti
- Immaniġġjar fuq is-Saħħa tal-Impjegati
- Fondi tal-Unjoni Ewropea
- Riżorsi Umani,
- Finanzi
- Proċeduri Notarili u Legali
- Awditjar Intern, u
- Xogħol Amministrattiv.

## Konferenzi barra minn Malta

Diversi ħaddiema kellhom l-opportunità li jattendu għall-konferenzi barra minn Malta rigward diversi suġġetti f'pajjiżi differenti, sabiex b'hekk jesponu ruħhom għal iktar ideat u jifhu moħħhom għal iktar tagħlim kif ukoll jagħmlu kuntatti ġodda fil-qasam tagħhom fejn jikkonċerna *housing*. Dawn il-konferenzi kienu:

### European PPP's On The Move - Understanding & Confronting the Challenges that lie ahead

Din il-konferenza kienet mifruxa fuq jumejn bejn l-20 u l-21 t'Ottubru. Fit-tieni jum tal-konferenza s-Sur Ellul ta preżentazzjoni dwar l-Awtorità tad-Djar u l-proġetti maħsuba biex jinbnew bl-għajnuna tal-*Public Private Partnership* (PPP). Din il-preżentazzjoni ġiet milqugħa b'interess kbir mill-parteċipanti li fosthom kienu jinkludu nies li huma direttament responsabbli minn proġetti kbar li saru jew qegħdin isiru bil-PPP, oħrajn involuti fil-finanzjament ta' dan it-tip ta' proġetti, diretturi tal-PPP units u oħrajn mill-qasam akkademiku u ta' riċerka.

### Breaking the Mould - Supporting Older People Conference

Din hija konferenza li saret ġewwa Birmingham, l-Ingilterra u li kienet intenzjonata sabiex tipprovdi aktar għarfien dwar il-fatt li l-popolazzjoni qiegħda dejjem tixjieħ u konsegwentament, qed jinħolqu sfidi ġodda fl-akkomodazzjonijiet tal-persuni anzjani. Waqt din il-konferenza, ġie diskuss kif jista' jiżdied is-sapport għall-popolazzjoni anzjana u x'miżuri jistgħu jittieħdu sabiex dawn jibqgħu jgħixu ħajja indipendenti fis-soċjetà.

## *International Housing Summit 2011*

It-tieni *Inernational Housing Summit* sar nhar l-1 u 2 ta' Novembru, 2011 ġewwa Rotterdam. Għal dan is-Summit attendew 163 delegat minn 20 pajjiż. F'dan is-summit tkellmu 48 espert fejn indirizzaw il-problemi li qed jiltaqa' miegħu is-settur tal-*housing*. Dawn huma ftit mill-punti li ġew diskussi:

- Jekk is-settur tal-*Housing* huwiex fi kriżi.
- Ġie eżaminat it-tħassib dwar l-impatt tal-*EU policies* fuq il-*housing*.
- Sejħa għall-transformazzjoni f'dan is-settur biex jigi pprovdut aktar *housing* affordabbli u liema suppost għandu jkun affordabbli.
- Aktar ftehim u kollaborazzjoni bejn il-kapijiet tal-pajjiżi biex jegħlbu din il-krizi dinjija.
- L-iskop kien li d-delegati minn pajjiżi differenti jkunu konxji ta' kif inhuma s-sistemi ta' xulxin u kif jitħaddem is-settur tal- *housing*. L-għan ewlieni ta' dan is-summit kien kif se naħdmu biex nipprovdu aktar *housing* b'anqas flus.

## *Managing Employee Health and Absence*

Din il-konferenza saret ġewwa Londra u kienet titratta l-prattiċità, u l-istrateġiji rigward assenza mix-xogħol fit-tul minħabba mard jew diffikultajiet oħra li l-ħaddiem jista' jkun għaddej minnhom. Dan sabiex ikun hawn għarfien aħjar dwar il-liġijiet applikabbli u proċeduri f'dan il-qasam. Waqt

din il-konferenza ġie diskuss kif min iħaddem jista' jagħti aktar is-sapport li waqt l-assenza tal-impjegat.

### *Urban Housing Management*

Din il-konferenza saret ġewwa Singapore, u ġiet organizzata mill-Università ta' *Nanjang Technological* u sponsorjata mil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Singapore. Din il-konferenza kienet mqassma fuq 10 t'ijem u kienet titratta fuq l-iżvilupp tad-djar, ippjannar urban, finanzjament ta' proġetti u ġestjoni ta' manutenzjoni. Il-konferenza kienet speċifikata sabiex jaqsmu l-informazzjoni, l-għarfien u l-esperjenzi tal-pajjiżi żviluppati rigward is-suġġetti msemmijin qabel.

### *Implementation of Measured Term Contract*

Dan kien kors li ġie organizzat ġewwa Manchester, l-Ingilterra. Dan il-kors kien dwar offerti u kuntratti maħruġa. Filfatt dan kien ta' benefiċċju kbir għall-Awtorità tad-Djar minħabba li l-istess Awtorità bi ħsieba tippubblika dawn fix-xhur li ġejjin sabiex tagħmel xogħol ta' manutenzjoni f'binijiet tal-gvern.

### *Quality in Social Services*

Din il-konferenza saret fil-Lussemburgu u ġiet organizzata mill-FEANTSA. Waqt din il-konferenza li saret f'Ottubru 2011, ġiet preżentata riċerka dwar il-kwalità tal-provvedimenti fis-servizzi għall-persuni li m'għandhomx saqaf fuq rashom.

### *The CIH Eastern Region Annual Conference & Exhibition*

Dan l-avveniment ġie mifrux fuq tlett ijiem u ġiet ippreżentata fi Stansted f'Novembru 2011. Fl-ewwel jum ġew diskussi l-istrateġiji fuq l-akkomodazzjoni nazzjonali. It-tieni jum iffoka fuq l-impatt li jistgħu jkollhom ir-riformi fuq l-individwi, ir-riskji li huma involuti u x'jiġri meta r-residenti ma jistgħux iħallsu. It-tielet jum ġie mmirat għall-impjegati kollha li huma involuti fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali.

### Inizjattivi

Minbarra dak li normalment wieħed jistenna mill-Awtorità tad-Djar, jiġifieri li toffri servizzi, sussidji u għajnuna finanzjarja lil dawk l-iktar vulnerabbli fis-soċjetà, l-Awtorità ħadet ħsieb li tieħu inizjattivi li minnhom tibbenefika l-komunità.

Minn żmien għal żmien, l-Awtorità torganizza attività sabiex il-ħaddiema tagħha jagħtu d-demm.

Grupp ta' ħaddiema ħadu l-inizjattiva sabiex jgħinu u jieħdu sehem fil-maratona b'risq il-*Puttinu Cares.* Uħud mill-impjegati ħadu sehem fil-Maratona tal-futbol bil-għan li jinġabru l-flus għal din il-fondazzjoni. Is-somma totali li nġabret mill-impjegati kollha tal-Awtorità tad-Djar ammontat għal €710.50, filwaqt li l-Awtorità iffinanzjat parti oħra sabiex it-total tas-somma miġbura laħqet l-€1,425.



# IL-FUNZJONI **TAL-AWDITUR INTERN**

L-għanijiet prinċipali tal-funzjoni tal-Awditjar Intern huma:

- Li tassigura li kull dipartment qed jopera skont l-istruzzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-Awtorità tad-Djar u f'każ li m'hemmx proċeduri miktuba, tirrakkomanda lill-Bord sabiex jintroduċuhom; u
- Li sservi bħala bażi sabiex tassisti lill-persuni fil-livell Maniġerjali fl-identifikazzjoni tar-riskji u tan-nuqqas ta' kontroll fis-sistemi eżistenti fi ħdan l-Awtorità. Ix-xogħol tal-awdituri hu eżerċizzju li jevalwa sezzjonijiet differenti tal-Awtorità tad-Djar, li skont l-awdituri, huma kkunsidrati bħala riskji maġġuri u għalhekk, fejn hu possibli, isiru rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu mtejba l-kontrolli.

Matul din is-sena l-awditur intern segwa l-pjan tal-Funzjoni tal-Awditjar Intern li kien ġie approvat mill-Bord fis-sena preċedenti.

Fil-bidu tas-sena 2011 sar eżerċizzju dwar l-assessjar tar-riskji tal-funzjonjiet kollha tal-Awtorità. L-iskop ta' dan l-eżerċizzju kien li jiġu identifikati r-riskji li jaffettwaw il-mod ta' kif l-Awtorità tilħaq l-għanijiet tagħha. Dan l-eżerċizzju jiġi rivedut kull sena. Skop ieħor kien li minn dan l-assessjar jinħareġ il-pjan tal-Awditjar Intern għas-sena 2012 fuq bażi tar-riskji identifikati.

Matul din is-sena, din il-funzjoni ffinalizzat tliet rapporti ta' awditjar kif ukoll żewġ eżerċizzji addizzjonali dwar riskji fuq proġetti tal-Awtorità.

### Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar ħatret uffiċjal tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*. L-irwol ta' dan l-uffiċjal huwa li jipprovdi assistenza u appoġġ lill-impjegati tal-Awtorità f'dan il-qasam.

Matul din is-sena l-Awtorità fasslet erba' poloz relatati mal-Protezzjoni u l-Privatezza tad- *Data*. Dawn il-poloz huma:

1. Protezzjoni u l-Privatezza tad- *Data*
2. Segretezza Personali (tinsab fuq is-sit tal-Awtorità)
3. L-Użu tal-Posta Elettronika
4. Sistema ta' Sorveljanza fi ħdan l-Awtorità tad-Djar (CCTV).

# REPORT AND
# FINANCIAL STATEMENTS

HOUSING AUTHORITY

31 DECEMBER 2011

# Table of contents


| | Page |
|---|---|
| Report of the Board Members | 1 |
| Board Members' Responsibility for the Financial Statements | 2 |
